# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | ĠUNJU 1942


## L-ISTATWA TA' KRISTU RE *

Ftit ilu, wara air-raid aħrax, kont ħiereġ mill-Belt u meta wasalt ħdejn l-Istatwa ta' Kristu Re lmaħt ħerba li twaħħax u tkexkixt għall-ħsara li rajt quddiem għajnejja: kullimkien ħofor ta' balal u daqqiet ta' laqx u bini mġarraf u għaram ta' ġebel u siġar imqaċċtin u toroq maqlugħin; ħamrija mxerrda, għabra ma' kullimkien, sħaba ta' trabijiet u riħa ta' kubrit — deħra ta' qilla li tkexkex, daqqa ta' għajn li twaħħax. Qalbi ngħafset minn dwejjaq li ma bħalhom u ħassejtni miblugħ, imdejjaq, għajjien u bla ħeġġa; iżda mbagħad ħarist lejn l-Istatwa ta' Kristu u minnufih qalbi stagħjiet b'fewġa ta' sabar, xegħlet bin-nar tat-tama u tqawwiet bil-ħila. F'nofs dik il-ħerba kollha, rajt li Kristu baqa' bħal ma kien, miexi 'l quddiem, qisu ma kien ġara xejn, bi ħlewwa li tgħaxxaq tiddi fi ħbub għajnejh u bixra ta' mogħdrija li ma tintemm qatt, lejn id-dinja u l-bnedmin. Tfarraġt u ħassejt tferfira ta' hena tiġri ma' ġismi kollu u tqanqila ta' ferħ isserraħli 'l ruħi. Għidt bejni u bejn ruħi: "Għax ma nixxiebahx Lilu?" Ħalli tagħdab il-qilla tal-bnedmin; ħalli jagħfsu l-ħerba u l-biża'; ħalli jħabbat il-baħar, imissni nibqa' għaddej dritt bħal ma baqa' għaddej Kristu u jmissni nibqa' nilħaq max-xogħol tiegħi kif Hu donnu jrid igħallimni b'dik it-turija kiebja Tiegħu.

---

* L-ewwel taqsima ta' dan l-Artiklu titkellem dwar il-Monument ta' Kristu Re li hemm barra Putirjal, u fiha wieħed isib xbihat u ħsebijiet li jixbhu mhux ftit lil xi dehriet u ħsebijiet kif ġew imfissra mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur fl-aħħar paragrafu ta' taħdita li hu għamel minn fuq ir-Rediffussion nhar it-Tlieta, 16 ta' Ġunju, 1942. F'ġieħ il-ħaqq u s-sewwa rrid ingħid li Dr. Ġużè Galea lesta dan l-artiklu u tahuli iżjed minn xahrejn qabel ma saret din it-taħdita. (Nota ta' l-Asst. Direttur).

## GEORGE CROSS

Jekk aħna l-Maltin nibqgħu nagħmlu dmirna bla tgemgim u bla tnikkir ikun aktar jistħoqqilna dan il-ġieħ kbir li l-Majestà Tiegħu, l-maħbub Re tagħna, għoġbu jżejjinna bih. Il-*George Cross* hu għelm ta' qawwa, ta' ħila u ta' qlubija u aħna għandna tas-sew biex niftaħru li fost il-pajjiżi tal-Imperu Ingliż konna l-ewwel nies li ssebbħu b'dan il-ġieħ u filwaqt li nifirħu, għandna wkoll inħabirku biex dan l-unur, li jgħolli mhux ftit il-għażiża Gżira tagħna f'għajnejn il-barranin, jibqa' dejjem bla ma jittiesef u jgħaddi għal uliedna u għal ulied uliedna biex jibqgħalhom bħala tifkira siewja ta' kull ma aħna rajna u batejna u bħala turija biex dejjem tħeġġeġ 'il dawk li jiġu warajna, għall-għamil tas-sewwa u tal-ġieħ.

## ISQOF AWŻILJARI GĦAL MALTA

L-Illmu u Wisq Rev. Mons. Kan. Teol. Prof. Emmanwel Galea, B.Litt., DD., J.C.D., inħatar Isqof Awżiljari ta' Malta' u Isqof Titulari ta' Tralles, fl-Asja.

Mons. Galea twieled l-Isla fejn baqa' jgħix sakemm l-għadu beda l-bumbardamenti tiegħu bla ħniena. Kulħadd jaf kif l-għadu għamel minn din il-belt biċċa art ta' ħerba u ta' ħsara.

Hu għandu 51 sena, u kien ordnat saċerdot f'Diċembru tal-1915. Sena wara ħa l-Lawrja tad-Dottorat fid-Divinità fl-Università ta' Malta u kiseb il-premju tal-Kors tat-Tioloġija. Wara sentejn studji f'Ruma ħa l-Lawrja tad-Dritt Kanoniku. Meta reġa' lura Malta, sar Kanonku Tijologu tal-Bażilika Kolleġġjata ta' l-Isla, u Professur fis-Siminarju u fl-Università.

Wara li miet Mons. Vassallo, l-Arċisqof Mons. Caruana għażlu Segretarju tiegħu u, wara li rtira Mons. Dun Pawl Galea, beda jagħmilha wkoll ta' Pro-Vigarju. Wara l-mewt ta' Mons. De Piro kien magħżul Direttur ta' l-Istitut "Ġesù Nazzarenu" taż-Żejtun.

Aħna ma nistgħux ma nifirħux b'din l-għażla tassew sabiħa li saret, u aħna żguri li l-Maltin kollha jħossu rwieħhom ferħana li għandhom mexxej ta' deheu u ħila hekk kbira min imexxihom. Kulħadd jaf liema għajnuna kbira l-Mons. Galea ta, u sejjer jibqa' jagħti, lill-Isqof tagħna.